

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8380 — CPPIB/Apax/GL)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2017/C 41/08)

1. Fl-1 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Kanada Pension Plan Investment Board ("CPPIB", il-Kanada) jakk-wista l-kontroll konġunt permezz ta' xiri ta' ishma ta' GlobalLogic Holdings Limited ("GlobalLogic", Jersey), li bħalissa kkontrollata unikament minn Apax Partners LLP ("Apax", ir-Renju Unit), fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal CPPIB: ġestjoni professjonali tal-investimenti li tinvesti l-assi tal-Kanada Pension Plan;
- għal Apax: servizzi konsultattivi ta' investiment lil fondi ta' ekwità privata li jinvestu f'firxa ta' setturi industrijali;
- għal GlobalLogic: servizzi ta' żvilupp ta' software u servizzi relatati ta' konsulenza għal varjetà ta' setturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8380 — CPPIB/Apax/GL, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.